**28 ta' April, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija.

*versus*

John Borg

**Reat tal-Kap ta' Familja li Jħalli l-Martu u l-Uliedu fil-Bżonn — Indolenza għax-Xogħol — Art. 352(x) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-kap tal-familja li ma jkunx tajjeb biex jagħmel xogħol iebes, imma jista' jagħmel xi xogħol ħafif, u ntant ma jfittex li jsib dan ix-xogħol u hekk iħalli lill-martu u lill-uliedu fil-bżonn, juri indolenza u nuqqas ta' kont għax-xogħol, u jiddiporta ruħu daqs kieku ma għandu ebda responsabbiltà ta'*

*bniedem miżżewweġ. Din hija kontravvenzjoni għall-ordni publiku, li jeżiġi ineluttabbilment li kap ta' familja jmantni lill-martu u lill-uliedu, jew li almenu jagħmel ġenwinament ħiltu kollha biex isib xi xogħol adattat għalieh.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra John Borg talli fil-Marsa, f'dan l-aħħar xahar, ħalla lill-martu Maria Borg u lill-uliedu minuri fil-bżonn minħabba ħájja bla qies jew nuqqas ta' kont għax-xogħol;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-15 ta' Diċembru 1961, li biha sabitu ħati u kkundannatu għall-priġunerija għal żmien erbat ijiem;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hu jiġi liberat mill-imputazzjoni;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-kontravvenzjoni, kontemplata fl-art. 352(x) Kap. 12 Ediz. Riv., teżiġi tliet postulati applikattivi tagħha: li l-imputat ikun kap ta' familja; li hu jkun ħalla l-mara jew it-tfal fil-bżonn; u li dan ikun ġara minħabba żregolatezza jew indolenza tiegħu;

Fil-każ preżenti, ma hemmx kontestazzjoni fuq l-ewwel żewġ rekwiżiti; del resto, jirriżultaw ampjament mill-provi eskussi;

Il-kontestazzjoni taġġira ruħha dwar it-tielet rekwiżit, in kwantu li d-difiża ssostni li la hemm żregolatezza u lanqas indolenza;

Żregolatezza fis-sens ta' kondotta ħażina jew ħajja smodata ma ġietx pruvata Hu veru li mart l-imputat fix-xhieda tagħha allegat li żewġha għandu ħbiberija ma' waħda mara minn Għawdex, iżda l-provi ma jmorrux aktar l-hemm minn suspett ta' nfedeltà, anki jekk mart l-imputat ma għandiex tant tort li jkollha dan is-suspett, stante ċ-ċirkustanzi li ssemmew fil-provi;

Jibqa' li wieħed jara jekk hemmx indolenza fis-sens ta' nuqqas ta' kont għax-xogħol. Għalkemm ma jistgħax jingħad li l-provi li l-imputat ibati b'osteo-artrite, u li għalhekk ma hux kapaċi li jagħmel xogħol tal-ġebel, jew komunkwe xogħol iebes ta' strapazz, huma għal kollox konvinċenti, għaliex ix-xhud Dr. Bartolo qal ripetutament, fuq domandi in propożitu tal-Qorti li hu ma rriskontrax sintomi oġġettivi, bħal ma huma nuqqas ta' movimenti, u li l-kwadru kliniku hu nterament soġġettiv, fis-sens li l-imputat jakkuża uġiegħ f'daru, eppure l-Qorti ma tistgħax teskludi din iċ-ċirkustanza għal kollox, u għalhekk qegħda tipproċedi fuq l-assunt fid-dubju favorevoli għall-imputat, li filfatt hu għandu, jew kellu fil-perijodu rilevanti, dan l-uġiegħ, u li dan l-uġiegħ jimpedieh, jew kien jimpedieh allura, li jagħmel xogħol iebes jew ta' strapazz. Iżda għandu jiġi ritenut li xogħol ieħor jista' jew seta' jagħmel, meta wieħed jirrifletti li hu, fil-kors tat-18 il-sena li ilu miżżewweġ ma' din it-tieni mara, għamel anki xogħol ieħor barra milli tal-ġebel, bħal dak ta' bajjad ta' bejjiegħ ta' ħaxix, bejjiegħ ta' tjur, eċċ. Anki x-xogħol ħafif, li hu stess jammetti li għamel dan l-aħħar, juri li għal dan ix-xogħol hu jiflaħ, jekk jirsisti biex isibu, u jekk irid verament jaħdem. Iżda matul iż-żwieġ kollu l-ġlied bejn l-imputat u din ittieni mara tiegħu kien ta' spiss fuq dan il-manteniment. Attwalment ilu aktar minn sebgħa u tletin ġimgħa ma jibgħatilha sold. L-imputat huwa ta' età vigoruża (martu xehdet li hu għandu biss sebgħa u tletin sena), u hu ovvju li huwa qiegħed jitgħażżen bl-iskuża ta' dan l-uġiegħ, biex ma jagħmelx mhux biss xogħol ta' strapazz, imma kull xorta ta' xogħol;

Jista' jiżdied li l-imputat ma għamel ebda prova li hu qiegħed onestament ifittex xi xogħol ħafif biex jibgħat xi ħaġa tal-għajxien lill-martu u lit-tliet uliedu, imma qiegħed jiddiporta ruħu daqs kieku ma għandu ebda responsabbiltà ta' bniedem miżżewweġ: u din il-kontravvenzjoni hi ntiża appuntu, mhux biex tinforza bħala mezz eżekuttiv l-obligu tal-manteniment, imma biex tinkulka rispett għall-ordni publiku (taħt liema Titolu hi appuntu mqegħda fil-Kodiċi) — liema ordni publiku jeżiġi ineluttabbilment li kap talfamilja jmantni lill-martu u lill-uliedu, jew li almenu jagħmel ġenwinament ħiltu kollha biex isib xi xogħol adattat għalieh;

Il-fedina penali tal-imputat. eżibita fol. 2 et seq., ma hijiex tali li tissuġġerixxi lill-Qorti xi mitigazzjoni tal-piena;

Għal dawn ir-raġunijiet, tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.